MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2008

Numru. 1123/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Josric Mifsud**

**vs**

**Johan Pace**
**omissis**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Johan Pace ta’ 28 sena iben Geranzio u Doris nee’ Micallef imwieled Pieta’ fit-3 ta’ Novembru 1976 u residenti fil-fond numru 43, Marsamxett Road, Valletta u detentur tal-karta tal-identita’ numru 11077 (M) gie imressaq quddiemha akkuzat talli:

Fis-27 ta' Dicembru 2004 gol-Belt Valletta ghall-habta tat-08:00 ta' filghodu:

a) Seraq elf u hamsa u ghoxrin lira u erbgha u sebghin centezmu (Lm1025.74) f' valuta Maltija u arlogg tal-marka Bulova fejn il-valur totali u iktar minn elf lira Maltin (Lm1,000.00) liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur tal-haga misruqa, u bil-lok, ai termini tal-Artikolu 261 (b), (c), u (e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghad-detriment ta' Paola Galea mill-Belt Valletta,

b) Fl-istess hin, lok u cirkostanzi b' mezzi xort ohra hekk kif imsemmija fl-Artikolu 325 tal-Ligijiet ta' Malta , volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli u cioe bieb tal-gallerija tal-fond 7, Sqaq Toni Bajjada, Valletta ghad-dannu ta' l-istess Paola Galea mill-Belt Valletta u dan bi ksur tal-Artikolu 325 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta,

c) Lil Johan Pace wahdu akkuzat talli wara li kien ikkundannat f' Malta ghal serq, jew ghal ricettazjoni, instab fil-pussess ta' ghodod ohra tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi, minghajr ma ta' kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu kien jinsab ghandu, u dan bi ksur tal-Artikolu 287 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta,

Il-Qorti kienet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputati sabiex ihallsu l-ispejjes li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-Artikoli 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 20 ta' Gunju 2005 fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli :

a) 261 (b) (c) (e), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 278, 279, 280, 281 tal-Kodici Kriminali ;

b) Fl-Artikolu 325 tal-Kodici Kriminali ;

c) Fl-Artikolu 286 tal-Kodici Kriminali ;

d) Fl-Artikolu 287 tal-Kodici Kriminali ;

e) Fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali

f) Fl-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali

Rat li waqt l-udjenza tal-31 ta’ Ottubru 2007 l-imputat iddikjara li huwa m’ ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat hekk kif registrata fis-seduta tal-31 ta’ Ottubru 2007 ghall-akkuzi ta’ serq aggravat bil-mezz, valur u lok kif ukoll ghal dik rigwardanti l-hsara volontarja.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat Johan Pace ma ammettiex l-akkuza rigwardanti r-reat kontemplat fl-Artikolu 287 tal-Kodici Kriminali izda l-Qorti jidrilha li mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni tirrizulta pruvata anki din l-akkuza stante li wara li l-imputat u l-ko-akkuzat Christopher Scerri inqabbdu in flagrante delicto hergin mill-fond propjeta’ tal-vittma Paola Galea fil-vettura tal-imputat Johan Pace bin-numru tar-registrazzjoni JAZ 874 instab sellun li serva bhala skalata sabiex jaccedu ghall-fond misruq, irizulta wkoll mill-fedina penali tal-imputat li huwa diga’ nstab hati ta’ serq u rrizulta inoltre li huwa ma kienx f’posizzjoni jaghti kont sodisfacenti dwar ir-raguni il-ghala instab dan is-sellun fil-pussess tieghu. Irid jigi rilevat ukoll li l-imputat instab fil-pussess ta’ turnavit.

Il-Qorti ghalhekk m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti tat piz kbir lil kontenut tas-Social Inquiry Report esebit a fol. 115 sa 156 tal-process fejn gie nnutat li l-imputat qed jagmel minn kollox sabiex jeghleb il-problemi socjali kif ukoll dawk konnessi mal-alcohol u qieghed fl-ahhar jassumi r-responsabilitajiet tieghu kemm fuq livell familjari kif ukoll fuq il-post tax-xoghol. Irid jigi rilevat ukoll li f’dan il-kaz ir-res furtiva giet debitament ritornata lil vittma u inoltre l-imputat Johan Pace irrifonda lill-istess vittma l-ammont rigwardanti l-hsara volontarja kaguanta fil-propjeta’ taghha. In vista ta’ dawn ic-cirkostanzi l-Qorti jidrilha li ghalkemm din m’hijiex l-ewwel darba li l-imputat kiser dufrejgh mal-gustizzja huwa ghandu jinghata l-ahhar opportunita’ sabiex jirriforma ruhu u jaqbad it-triq it-tajba u ghalhekk ser tigi mposta piena alternattiva ghal dik karcerarja.

Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-20 ta’ Gunju 2005 u l-Artikolu 7 (1) tal-Kap 446 tiddikjara li qed issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tiddeciedi li tpoggih taht ordni ta’ probation ghal zmien tlett (3) snin millum taht is-segwenti kundizzjonijiet:

1. Li matul dan il-perjodu ta’ probation ta’ tlett snin l-imputat igib ruhu tajjeb u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer.
2. Li l-imputat jibqa’ jzomm kuntatt kontinwu ma’ l-istess Probation Officer skond id-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien.
3. Li l-imputat jgharraf minnufih lil Probation Officer, b’kull tibdil ta’ residenza jew xoghol tieghu.
4. Il-Probation Officer ghandu jaghmel rapport bil-miktub lill-Qorti kull sitt xhur dwar l-andament ta’ l-imputat.

Il-Qorti tordna ai termini ta’ l-Artikolu 7(8) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur ta’ l-Uffficju tal-Probation sabiex jigi nominat il-kandidat idoneju ghal dan il-ghan.

B’applikazjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-imputat qed jigi kkundannat sabiex sa zmien sitt

(6) xhur millum ihallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ekwivalwenti f’ Ewro ta’ hamsa u tmenin lira u sitta lira maltin u hamsin centezmu (LM85.56) liema somma tirraprezenta nofs l-ispejjes konnessi mal-inkjesta magisterjali li saret rigwardanti dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------